



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2011/2013(INI)

4.3.2011

EMENDI 1 - 131

Abbozz ta' rapport
Diana Wallis
(PE456.886v01-00)

Għażliet politiċi għall-progress lejn Liġi Kuntrattwali Ewropea għall-
konsumaturi u n-negozji
(2011/2013(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi *l-inizjattiva* dwar il-liġi kuntrattwali Ewropea, li għandha l-għan li tindirizza l-problemi *tas-suq intern maħluqa minn* entitajiet diverġenti tal-liġi kuntrattwali, ilha tiġi diskussa s-snin,

Emenda

A. billi *inizjattiva* dwar il-liġi kuntrattwali Ewropea, li għandha l-għan li tindirizza l-problemi *tas-Suq Wieħed li jingħad iqumu minħabba fl-*entitajiet diverġenti tal-liġi kuntrattwali, ilha tiġi diskussa s-snin,

Or. en

Emenda 2
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi l-inizjattiva dwar il-liġi kuntrattwali Ewropea, li għandha *l-għan* li tindirizza l-problemi tas-suq intern maħluqa minn entitajiet diverġenti tal-liġi kuntrattwali, ilha tiġi diskussa s-snin,

Emenda

A. billi l-*idea ta'* inizjattiva dwar il-liġi kuntrattwali Ewropea, li għandha *l-mira* li tindirizza l-problemi tas-suq intern *li jistgħu jkunu* maħluqa, *inter alia*, minn entitajiet diverġenti tal-liġi kuntrattwali, ilha tiġi diskussa s-snin,

Or. en

Emenda 3
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi, b'segwitu tal-kriżi finanzjarja globali, jidher aktar importanti minn qatt qabel li jiġi previst reġim koerenti ta' Liġi

imħassar

Emenda

Kuntrattwali Ewropea sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-suq intern,

Or. en

Emenda 4
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi, *b'segwitu tal-kriżi finanzjarja globali, jidher aktar importanti minn qatt qabel li jiġi previst reġim koerenti ta' Liġi Kuntrattwali Ewropea sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-suq intern,*

Emenda

B. billi *s-Suq Wieħed għadu frammentat, minħabba f'ħafna fatturi, inkluż in-nuqqas ta' implimentazzjoni eżistenti fil-leġiżlazzjoni tas-Suq Wieħed,*

Or. en

Emenda 5
Hella Ranner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi, *b'segwitu tal-kriżi finanzjarja globali, jidher aktar importanti minn qatt qabel li jiġi previst reġim koerenti ta' Liġi Kuntrattwali Ewropea sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-suq intern,*

Emenda

B. billi, *b'segwitu tal-kriżi finanzjarja globali, jidher aktar importanti minn qatt qabel li, oltre għall-kordinament soċjali, ekonomiku u fiskali fl-Unjoni Ewropea, jiġi kkunsidrat reġim armonizzat ta' Liġi Kuntrattwali Ewropea sabiex jgħin ħalli jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-suq intern,*

Or. de

Emenda 6
Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi, b'segwitu tal-kriżi finanzjarja globali, jidher aktar importanti minn qatt qabel li jiġi previst reġim koerenti ta' Liġi Kuntrattwali Ewropea sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-suq intern,

Emenda

B. billi, b'segwitu tal-kriżi finanzjarja globali, jidher aktar importanti minn qatt qabel li jiġi previst reġim koerenti ta' Liġi Kuntrattwali Ewropea sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-suq intern ***u b'hekk jgħin ħalli jintlaħqu l-għanijiet tal-Ewropa 2020,***

Or. en

Emenda 7
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

D. billi, *skont studju tal-Kummissjoni mwettaq fl-2008, tliet kwarti tal-bejgiegħa bl-imnut jbigħu biss fis-suq domestiku, u l-bejgħ transkonfinali sikwit isir biss fi ftit Stati Membri,*

Emenda

D. billi ***bhaliss hemm għadd ta' fatturi maġġuri barra mill-eżistenza ta' regoli diverġenti dwar id-Dritt Kontrattwali nazzjonali, inklużi d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-kuntratti tal-konsumatur, li jiskoraġġixxu lin-negozji milli jikkummerċjaw bejn il-fruntieri, bħal ngħidu aħna ostakli kulturali bħalma huma l-ilsien, il-kompożizzjoni demografika tal-popolazzjoni ta' Stati Membri individwali, l-istrateġija azjendali u l-istrutturi tal-kumpaniji, u l-jeddijiet ta' proprjetà intellettuali,***

Or. en

¹ *Ewrobarometru 224, 2008, p. 4.*

Emenda 8
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

D. billi, *skont studju tal-Kummissjoni mwettaq fl-2008, tliet kwarti tal-bejjiegħa bl-innut jbigħu biss fis-suq domestiku, u l-bejgħ transkonfinali sikwit isir biss fi ftit Stati Membri,*

Emenda

D. billi *hemm fatturi maġġuri differenti mill-eżistenti ta' regoli diverġenti tad-dritt nazzjonali tal-kuntratti tal-konsumatur li jimpedixxu lill-konsumaturi milli jixtru bejn il-fruntieri, inklużi ostakli kulturali bħalma huma l-ilsien, il-preferenza għal ħwienet fiżiċi, il-kompożizzjoni demografika tal-popolazzjoni u l-ħila għall-qari diġitali; aċċers limitat għall-broadband; l-affidabilità tal-kummerċjanti online; nuqqas ta' xelta ta' modalitajiet ta' pagament u ħlasijiet diskriminatorji bejn il-modalitajiet offerti; tħassib dwar il-privatezza; servizzi ta' wara l-bejgħ; trattament tal-ilment u rimedjar għalihom; limitazzjonijiet territorjali tal-jeddijiet ta' proprjetà intellettwali; prattiki ta' negozju li jkunu anti-konkorrenzjali, eċċ*

Or. en

Emenda 9
Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

¹ *Ewrobarometru 224, 2008, p. 4.*

Emenda

Da. billi huwa neċessarju li jkun hemm distinzjoni bejn it-tranżazzjonijiet konvenzjonali ta' bejn il-fruntieri u l-e-kummerċ, fejn jeżisti problemi speċifiċi u l-kostijiet tat-tranżazzjoni huma

differenti; billi huwa wkoll neċessarju għall-finijiet ta' valutazzjonijiet futuri tal-impatt, li jiġu definiti b'reqqa u bi preċiżjoni kif inhuma komposti l-kostijiet tat-tranżazzjoni;

Or. en

Emenda 10
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premess E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi l-applikazzjoni ta' liġi barranija (*dwar il-konsumatur*) għat-tranżazzjonijiet transkonfinali skont ir-Regolament Ruma I *ġiet meqjusa li tinvolvi* spejjeż ta' tranżazzjoni *kunsiderevoli* għan-negozji, b'mod partikulari l-SMEs, *li ġew stmati li jlaħħqu l-€15 000 għal kull negozju u għal kull Stat Membru,*

Emenda

E. billi l-applikazzjoni ta' liġi barranija għat-tranżazzjonijiet transkonfinali, *ngħidu aħna* skont ir-Regolament Ruma I¹, *imma wkoll f'dak li għandu x'jaqsam mad-differenzi fid-Dritt Immobiljari, ir-restrizzjonijiet fuq il-prodotti jew id-Dritt dwar id-Delitti, ngħidu aħna, jistgħu jdaħħlu* spejjeż ta' tranżazzjoni għan-negozji, b'mod partikulari l-SMEs,

Or. en

Emenda 11
Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premess E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi l-applikazzjoni ta' liġi barranija (dwar il-konsumatur) għat-tranżazzjonijiet transkonfinali skont ir-Regolament Ruma I

Emenda

E. Billi *huwa ċar li* l-applikazzjoni ta' liġi barranija (dwar il-konsumatur) għat-tranżazzjonijiet transkonfinali skont ir-

¹ *UK Federation of Small Businesses, Dokument ta' pożizzjoni dwar Ruma I (2007).*

ġiet meqjusa li tinvolvi spejjeż ta' tranżazzjoni kunsiderevoli għan-negozji, b'mod partikulari l-SMEs, li ġew stmati li jlaħħqu l-€15 000 għal kull negozju u għal kull Stat Membru,

Regolament Ruma I¹ ġiet meqjusa li tinvolvi spejjeż ta' tranżazzjoni kunsiderevoli għan-negozji, b'mod partikulari l-SMEs, li ġew stmati li jlaħħqu l-€15 000 għal kull negozju u għal kull Stat Membru²,

Or. en

Emenda 12 **Marielle Gallo**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premess E**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi l-applikazzjoni ta' liġi barranija (dwar il-konsumatur) għat-tranżazzjonijiet transkonfinali skont ir-Regolament Ruma I ġiet meqjusa li tinvolvi spejjeż ta' tranżazzjoni kunsiderevoli għan-negozji, b'mod partikulari l-SMEs, li ġew stmati li jlaħħqu l-€15 000 għal kull negozju u għal kull Stat Membru,

Emenda

E. billi l-applikazzjoni ta' liġi barranija (dwar il-konsumatur) għat-tranżazzjonijiet transkonfinali skont ir-Regolament Ruma I³ ġiet meqjusa ***minn stakeholder*** li tinvolvi spejjeż ta' tranżazzjoni kunsiderevoli għan-negozji, b'mod partikulari l-SMEs, li ġew stmati li jlaħħqu l-€15 000 għal kull negozju u għal kull Stat Membru⁴,

Or. fr

Emenda 13 **Jiří Maštálka**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premess E**

¹ ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.

² UK Federation of Small Businesses, Dokument ta' pożizzjoni dwar Ruma I (2007).

³ ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.

⁴ UK Federation of Small Businesses, Dokument ta' pożizzjoni dwar Ruma I (2007).

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi l-applikazzjoni ta' liġi barranija (dwar il-konsumatur) għat-tranżazzjonijiet transkonfinali skont ir-Regolament Ruma I **ġiet meqjusa li** tinvolvi spejjeż ta' tranżazzjoni **kunsiderevoli** għan-negozji, b'mod partikulari l-SMEs, **li ġew stmati li jlaħħqu l-€15 000 għal kull negozju u għal kull Stat Membru,**

Emenda

E. billi l-applikazzjoni ta' liġi barranija (dwar il-konsumatur) għat-tranżazzjonijiet transkonfinali skont ir-Regolament Ruma I **għandu mnejn tkun** tinvolvi spejjeż ta' tranżazzjoni għan-negozji, b'mod partikulari l-SMEs,

Or. en

Emenda 14

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E a (ġdida)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda 15

Jiří Maštálka

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F**

Emenda

Ea. billi tkun meħtieġa verifika fid-dawl tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(2) u tal-Artikolu 4(1), punt (a) tar-Regolament Ruma I, li tkun tippermetti lin-negozji japplikaw id-Dritt nazżjonali tagħhom, billi jittqies li Ruma I ilu jiġu applikat biss minn Diċembru 2009;

Or. en

¹ ***UK Federation of Small Businesses, Dokument ta' poġizzjoni dwar Ruma I (2007).***

² ***ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.***

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

F. billi dawn l-ispejjeż ta' tranżazzjoni huma meqjusa bħala ostakoli kunsiderevoli għall-kummerċ transkonfinali, kif għie kkonfermat minn 60% tal-bejjiegħa bl-imnut li għew intervistati fl-2008, u billi 46% qalu li kieku jkun hemm regoli armonizzati dawn ikunu ta' għajjnuna biex jiżdied il-bejgħ transkonfinali,

imħassar

Or. en

Emenda 16
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

F. billi dawn l-ispejjeż ta' tranżazzjoni huma meqjusa bħala ostakoli kunsiderevoli għall-kummerċ transkonfinali, kif għie kkonfermat minn 60% tal-bejjiegħa bl-imnut li għew intervistati fl-2008, u billi 46% qalu li kieku jkun hemm regoli armonizzati dawn ikunu ta' għajjnuna biex jiżdied il-bejgħ transkonfinali,

F. billi dawn l-ispejjeż ta' tranżazzjoni huma meqjusa bħala ostakoli kunsiderevoli għall-kummerċ transkonfinali, kif għie kkonfermat minn 60% tal-bejjiegħa bl-imnut li għew intervistati fl-2008², u billi 74% ta' dawk li sarulhom il-mistoqsijiet indikaw li l-armonizzazzjoni tal-liġijiet applikabbli fit-tranżazzjonijiet mal-konsumaturi mal-Unjoni Ewropea kollha f'it li xejn ikollha effett fuq il-livell tal-bejgħ bejn il-fruntieri,

Or. en

¹ *Ewrobarometru 224, 2008, p. 4.*

² *Ewrobarometru 224, 2008, p. 4.*

Emenda 17
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

F. billi *dawn* l-ispejjeż ta' tranżazzjoni *huma meqjusa bħala ostakoli kunsiderevoli għall-kummerċ transkonfinali, kif ġie kkonfermat minn 60% tal-bejgiegħa bl-imnut li ġew intervistati fl-2008, u billi 46% qalu li kieku jkun hemm regoli armonizzati dawn ikunu ta' għajjnuna biex jiżdied il-bejgħ transkonfinali,*

Emenda

F. billi l-ispejjeż ta' tranżazzjoni *derivanti mill-kostijiet legali marbutin direttament ma' kwestjonijiet ta' dritt kontrattwali jistgħu jkunu marġinali a paragon tal-kostijiet l-oħrajn ta' tranżizzjoni inkorsi meta jkun hemm tentattiv ta' kuntrattar bejn il-fruntieri,*

Or. en

Emenda 18
Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

F. billi dawn l-ispejjeż ta' tranżazzjoni huma meqjusa bħala ostakoli *kunsiderevoli* għall-kummerċ transkonfinali, *kif ġie kkonfermat minn 60% tal-bejgiegħa bl-imnut li ġew intervistati fl-2008, u billi 46% qalu li kieku jkun hemm regoli armonizzati dawn ikunu ta' għajjnuna biex jiżdied il-bejgħ transkonfinali,*

Emenda

F. billi dawn l-ispejjeż ta' tranżazzjoni huma meqjusa bħala *wieħed mill-ostakoli* għall-kummerċ transkonfinali;

Or. en

¹ *Ewrobarometru 224, 2008, p. 4.*

² *Ewrobarometru 224, 2008, p. 4.*

Emenda 19

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa F a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Fa. billi d-diverġenza tad-dritt kontrattwali f'livell nazzjonali ma tikkostitwixxix l-uniku ostablu għall-SMEs u l-konsumaturi f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet bejn il-fruntieri billi jħabbtu wiċċhom ma' problemi oħrajn inkluż ix-xkiel lingwistiku, is-sistemi differenti ta' tassazzjoni, il-kwestjoni tal-affidabilità tan-negozjanti online, il-ħila tal-qari diġitali, problemi ta' sigurtà, eċċ;

Or. en

Emenda 20

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Evelyn Regner, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa F b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Fb. billi huwa ta' importanza fuq kull ħaġa oħra li kull inizjattiva min-naħa tal-UE jkollha tirrispondi għall-ħtiġiet u t-tħassib reali kemm tan-negozjanti kemm tal-konsumaturi; billi dan it-tħassib jestendi wkoll għall-problemi legali/lingwistiċi (dispożizzjonijiet ta' pattijiet u kundizzjonijiet standard għan-negozji ż-żgħar fl-ilsna kollha tal-UE) u d-diffikultajiet fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti bejn il-fruntieri (dispożizzjonijiet ta' miżuri awtonomi tal-UE fil-qasam tad-Dritt proċedurali);

Emenda 21
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

G. billi hemm evidenza li s-suq onlajn għadu frammentat: fi studju li sar, irriżulta li 61% minn 10 964 ordni transkonfinali ta' prova li saru fallelw, fost l-oħrajn minħabba li l-kummerċjanti rrifjutaw li jservu fil-pajjiż tal-konsumatur; billi, mill-banda l-oħra, jidher li x-xiri transkonfinali jżid il-probabilità li l-konsumaturi jsibu offerti rħas u li jsibu prodotti li ma jkunux disponibbli onlajn lokalment,

imħassar

Emenda 22
Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

G. billi hemm evidenza li s-suq onlajn għadu frammentat: fi studju li sar, irriżulta li 61% minn 10 964 ordni transkonfinali ta' prova li saru fallelw, fost l-oħrajn minħabba li l-kummerċjanti rrifjutaw li jservu fil-pajjiż tal-konsumatur; billi, mill-banda l-oħra,

G. billi studju tal-Kummissjoni rrivela li 61% minn 10 964 ordni transkonfinali ta' prova li saru fallelw u li jidher li x-xiri transkonfinali jżid il-probabilità li l-konsumaturi jsibu offerti rhas⁵ u li jsibu prodotti li ma jkunux disponibbli onlajn⁶ lokalment, filwaqt li ċ-ċifra ta' 61% tidher

¹ COM(2009)0557, p. 5.

² Ibid, p. 3.

³ Ibid, p. 5.

⁴ COM(2009)0557, p. 5.

⁵ Ibid, p. 3.

⁶ Ibid, p. 5.

jidher li x-xiri transkonfinali jżid il-probabilità li l-konsumaturi jsibu offerti rħas u li jsibu prodotti li ma jkunux disponibbli onlajn lokalment,

għolja wisq u titlob li jsiru aktar studju, verifika u valutazzjoni;

Or. en

Emenda 23 **Sajjad Karim**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premessa G**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

G. billi hemm evidenza li s-suq onlajn għadu frammentat: fi studju li sar, irriżulta li 61% minn 10 964 ordni transkonfinali ta' prova li saru fallelw, fost l-oħrajn minħabba li l-kummerċjanti rrifjutaw li jservu fil-pajjiż tal-konsumatur; billi, **mill-banda l-oħra, jidher li x-xiri transkonfinali jżid il-probabilità li l-konsumaturi jsibu offerti rħas u li jsibu prodotti li ma jkunux disponibbli onlajn lokalment,**

Emenda

G. billi hemm evidenza li s-suq onlajn għadu frammentat: **fi studju li sar, irriżulta li 61% minn 10 964 ordni transkonfinali ta' prova li saru fallelw, fost l-oħrajn minħabba li l-kummerċjanti rrifjutaw li jservu fil-pajjiż tal-konsumatur³; billi, iżda ma nstab l-ebda ness kawżali bejn il-kummerċ bejn il-fruntieri u l-problemi derivanti bħala riżultat dirett tad-differenzi fil-Dritt kontrattwali;** billi x-xiri transkonfinali, **partikolarment online, jista' jżid ix-xelta għall-konsumatur, hemm kwestjonijiet prattiċi bħalma huma d-diffikultà bl-ilsien, il-proċeduri inċerti tal-ilmenti, mekkaniżmi mhux ċari jew mhux prattiċi ta' rimedju u nuqqas ta' rikonossiment jew fiduċja fil-marki użati f'pajjiżi oħrajn jistgħu jiddiswadu lill-konsumaturi milli jixtru bejn il-fruntieri f'miżura akbar minn kull differenzi bejn id-Drittijiet kontrattwali,**

Or. en

¹ *Ibid, p. 3.*

² *Ibid, p. 5.*

³ COM(2009)0557, p. 5.

Emenda 24
Marielle Gallo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

G. billi **hemm evidenza li** s-suq onlajn għadu frammentat: fi studju li sar, irriżulta li 61% minn 10 964 ordni transkonfinali ta' prova li saru fallelw, fost l-oħrajn minħabba li l-kummerċjanti rriġjutaw li jservu fil-pajjiż tal-konsumatur; billi, mill-banda l-oħra, jidher li x-xiri transkonfinali jżid il-probabilità li l-konsumaturi jsibu offerti rħas u li jsibu prodotti li ma jkunux disponibbli onlajn lokalment,

Emenda

G. billi **huwa stant li** s-suq onlajn għadu frammentat: fi studju li sar, irriżulta li 61% minn 10 964 ordni transkonfinali ta' prova li saru fallelw, fost l-oħrajn minħabba li l-kummerċjanti rriġjutaw li jservu fil-pajjiż tal-konsumatur¹; billi, mill-banda l-oħra, jidher li x-xiri transkonfinali jżid il-probabilità li l-konsumaturi jsibu offerti rħas² u li jsibu prodotti li ma jkunux disponibbli onlajn lokalment³,

Or. fr

Emenda 25
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

G. billi **hemm evidenza li s-suq onlajn għadu frammentat: fi studju li sar, irriżulta li 61% minn 10 964 ordni transkonfinali ta' prova li saru fallelw, fost l-oħrajn minħabba li l-kummerċjanti rriġjutaw li jservu fil-pajjiż tal-konsumatur; billi, mill-banda l-oħra,**

Emenda

G. billi **d-dejta eżistenti tindika li l-armonizzazzjoni tal-liġijiet f'tit li xejn taffettwa l-attivitàjiet tan-negozjanti ta' bejn il-fruntieri, filwaqt li l-konsumaturi jqisu kwestjonijiet oħrajn bħalma huma t-tranżazzjonijiet f'islenhom stess, ma' bejjiegħa bl-imnut stabbiliti fl-Istat**

¹ COM(2009)0557, p. 5.

² Ibid, p. 3.

³ Ibid, p. 3.

⁴ **COM(2009)0557, p. 5.**

⁵ **Ibid, p. 3.**

jidher li x-xiri transkonfinali jżid il-probabilità li l-konsumaturi jsibu offerti rħas u li jsibu prodotti li ma jkunux disponibbli onlajn lokalment,

Membru tagħhom stess jew tal-anqas li huma magħrufin sew minnhom, bħala diffikultajiet ferm aktar importanti mid-diffikultajiet li huwa pperċepiti b'rabta mad-Dritt kontrattwali meta jiddeċidu jixtrux jew le,

Or. en

Emenda 26
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ga. billi l-evidenza eżistenti ma tippermettix lill-Parlament Ewropew jiddeduċi li r-regoli diverġenti tad-Drittijiet kontrattwali nazzjonali jirrappreżentaw xkiel sinifikattiv għall-kummerċ bejn il-fruntieri, kull miżura f'dan il-qasam għalhekk għandha tkun ibbażata fuq evidenza ċara li tali inizjattiva tkun ta' differenza vera li ma tkunx tistas' tinkiseb b'miżuri anqas intrużivi,

Or. en

Emenda 27
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ga. billi l-evidenza eżistenti ma tippermettix lill-Parlament Ewropew

¹ *Ibid, p. 5.*

jiddeduċi li r-regoli diverġenti tad-Drittijiet kontrattwali nazzjonali jirrappreżentaw xkiel sinfikattiv għall-kummerċ bejn il-fruntieri, kull miżura f'dan il-qasam għalhekk għandha tkun ibbażata fuq evidenza ċara li tali inizjattiva tkun ta' differenza vera li ma tkunx tistas' tinkiseb b'miżuri anqas intrużivi,

Or. en

Emenda 28
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ga. billi strument opzjonali jdaħħal kunċetti ġuridiċi awtonomi, fl-istess waqt ma jkollux il-vantaġġ ta' korp stabbilit u ċar ta' ġurisprudenza, u għalhekk ikun inċert u mhux prevedibbli fl-effetti tegħu u għalhekk x'aktarx ma jkun kummerċjalment attraenti; imma filwaqt li l-introduzzjoni ta' strument opzjonali twassal għall-kostijiet, għat-tħarbit u l-konfużjoni kemm għall-konsumaturi kemm għan-negozji, ngħidu aħna fit-taħriġ tal-professjonisti legali, ir-rieżami tal-prattiki kummerċjali, u l-edukazzjoni tal-konsumaturi,

Or. en

Emenda 29
Marielle Gallo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

H. billi kwalunkwe passi meħuda fil-qasam tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea għandhom ikunu koerenti mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur li hija mistennija,

Emenda

H. billi kwalunkwe passi meħuda fil-qasam tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea għandhom ikunu koerenti mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur li hija mistennija ***u l-acquis tal-Komunità, u għandhom iqisu r-regoli mandatorji nazzjonali,***

Or. fr

Emenda 30
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

H. billi ***kwalunkwe*** passi meħuda fil-qasam tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea ***għandhom ikunu koerenti mad-Direttiva*** dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur ***li hija mistennija,***

Emenda

H. billi ***l-***passi meħuda ***issa għal rieżami wiesa'*** fil-qasam tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea ***jkunu prematuri minħabba fir-riieżami reċenti tad-Direttiva*** dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur,

Or. en

Emenda 31
Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

H. billi kwalunkwe passi meħuda fil-qasam tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea għandhom ikunu ***koerenti*** mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur li hija mistennija,

Emenda

H. billi kwalunkwe passi meħuda fil-qasam tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea għandhom ikunu ***konsistenti*** mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur li hija mistennija, ***li se jkollha impatt sinifikattiv fuq il-kontenut u l-livell tal-armonizzazzjoni ta' strument futur possibbli fil-qasam tad-Dritt Kontrattwali Ewropew; billi jkun***

neċessarju li jkun hemm monitoraġġ kostanti u bir-reqqa tal-implimentazzjoni tiegħu fix-xhur li jiġu wara ħalli jkun hemm definizzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-OI;

Or. en

Emenda 32
Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ħa. billi l-armonizzazzjoni gradwali ma tegħlibx b'mod effettiv l-ostakli fis-suq intern li jkunu ġejjin mid-Drittijiet Kontrattwali nazzjonali diverġenti,

Or. en

Emenda 33
Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Evelyn Regner, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1. Jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-Grupp ta' Esperti u *d*-diskussjoni *li għaddejja bħalissa* dwar kif dawn jistgħu jkunu ta' użu;

1. Jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-Grupp ta' Esperti *ħalli jikkjarifika l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tal-istrument fakultattiv u ħalli jaqbad* diskussjoni *aperta u trasparenti mal-istakeholders kollha* dwar kif dawn *ir-riżultati* jistgħu jkunu ta' użu *u dwar kif il-Kummissjoni tista' tqis opzjonijiet addizzjonali imma anqas intrużivi mill-istrument fakultattiv, għall-iffaċilitar tal-attivitajiet bejn il-fruntieri; jitolb li jkun hemm il-kreazzjoni ta' "mudelli standard*

Ewropej ta' kuntratti”, tradotti fl-ilsna kollha tal-UE, marbutin ma' sistema ADR, li jkunu online, bil-vantaġġi li jkollhom relazzjoni tajba bejn il-kost u l-effett u jkunu soluzzjoni eħfef kemm għall-partijiet kontraenti kemm għall-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 34
Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-Grupp ta' Esperti u d-diskussjoni li għaddejja bħalissa dwar kif dawn jistgħu jkunu ta' użu;

Emenda

1. Jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-Grupp ta' Esperti u d-diskussjoni li għaddejja bħalissa dwar kif dawn jistgħu jkunu ta' użu; *iqis li hu neċċessarju li jiġu diskuss fid-dettall l-użu tar-riżultati u l-kamp ta' applikazzjoni u s-sostanza speċifika ta' strument possibbli ta' dritt kuntrattwali;*

Or. de

Emenda 35
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. *Huwa favur l-għażla li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament; jemma li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali;*

Emenda

imħassar

Emenda 36

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Huwa favur l-għażla li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament; jemmen li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali;

Emenda

2. Huwa favur l-għażla **4** li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament **wara kjarifika tal-bażi ġuridika**; jemmen li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali;

Emenda 37

Francesco Enrico Speroni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Huwa favur l-għażla li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' **regolament**; jemmen li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali;

Emenda

2. Huwa favur l-għażla li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' **direttiva**; jemmen li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali;

Emenda 38

Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Huwa favur l-għażla *li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament*; jemmaen *li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali*;

Emenda

2. Huwa favur l-għażla *ta' "kaxxa tal-għodda"*; jemmaen *li opzjonijiet ta' politika aktar invażivi bħalma hu l-istrument fakultattiv jisfa jkun rispons sproporzjonat għax-xkiel perċeput derivanti b'rabta mal-kummerċ bejn il-fruntieri*;

Or. en

Emenda 39
Hella Ranner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Huwa favur l-għażla *li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament*; jemmaen *li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali*;

Emenda

2. Huwa favur l-għażla *li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament*; jemmaen *li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali*; *jisħaq, b'danakollu, li minn dan jista' jkun mistenni biss li jkun hemm impatt pożittiv fuq is-suq intern jekk, bħala parti minn proċess dettaljat u intensiv ta' valutazzjoni, l-ewwel ikun mistenni, meqjus u fl-aħħar nett meħud in kunsiderazzjoni b'attenzjoni l-impatt tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (COM(2008)0614), li għadha fil-proċess ta' redazzjoni*;

Or. de

Emenda 40
Eva Lichtenberger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. **Huwa favur l-għażla li** jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament; jemmen li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali;

Emenda

2. **Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tidħol għal valutazzjoni sħiħa tal-impatt qabel ma** jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament; **iqis li din il-valutazzjoni tal-impatt għandha tinkludi, inter alia, l-identifikazzjoni tal-aktar bażi ġuridika xierqa, l-impatti soċjali u ekonomiċi, il-koerenza mad-Dritt eżistenti tal-UE, dak internazzjonali u dak privat, is-sistemi possibbli ta' arbitraġġ f'każijiet ta' kunflitt dwar l-għażla u l-applikazzjoni tal-istrument fakultattiv bejn il-konsumaturi u n-negozji, u l-livell ta' valur miżjud għall-konsumaturi u n-negozji ta' tali strument fakultattiv;** jemmen li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali;

Or. en

Emenda 41
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Huwa favur l-għażla **li jitwaqqaf** strument fakultattiv permezz ta' regolament; **jemmen li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali;**

Emenda

2. Huwa favur l-għażla **ta' "kaxxa tal-għodda" li tkun avallata minn ftehim interistituzzjonali; jiddubita kemm fl-istadju kurrenti** strument fakultattiv **adottat** permezz ta' regolament **ikun l-mezz xieraq biex ikunu indirizzati l-problemi perċeputi fil-kummerċ bejn il-fruntieri;**

Or. en

Emenda 42
Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Huwa favur l-għażla li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament; jemma li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li **għandu** jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali;

Emenda

2. Huwa favur l-għażla li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament; jemma li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li **jista'** jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali;

Or. en

Emenda 43
Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. **Huwa favur l-għażla** li jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament; **jemma li dan l-istrument jista' jkun ikkomplementat permezz ta' 'sett ta' għodod' li għandu jiġi approvat permezz ta' ftehim interistituzzjonali;**

Emenda

2. **Jibża'** li **jekk** jitwaqqaf strument fakultattiv permezz ta' regolament **ma jkunx hemm il-benefiċċji mistennijin għall-parteciċipanti kollha fis-suq;**

Or. de

Emenda 44
Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2a. Jitlob lill-Kummissjoni tikkjarifika l-kontenuti tal-kaxxa tal-għodda u jqis li tikkumplementa l-istrument fakultattiv b'

Emenda

“pattijiet u kundizzjonijiet mudell għall-kuntratti” għan-negozji ż-żgħar, tradotti f’ilsna kollha; jitlob ukoll lill-Kummissjoni twessa’ l-gamma ta’ strumenti proċedurali awtonomi ta’ bejn il-fruntieri ħalli tiffaċilita l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet ta’ bejn il-fruntieri;

Or. en

Emenda 45
Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

2a. Jemmen li huwa biss bl-użu tal-forma ġuridika ta’ Regolament li jistgħu jingħataw iċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali neċessarji;

Or. en

Emenda 46
Toine Manders

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

2a. Jisħaq li Regolament li jwaqqaf strument fakultattiv tad-Dritt Kontrattwali Ewropew jista’ jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern minħabba fl-effett dirett, bil-benefiċċji għan-negozji (ir-riduzzjoni fil-kostijiet bħala riżultat tat-tixjin tal-ħtieġa ta’ regoli għall-kunflitt bejn id-Drittijiet), għall-konsumaturi (ċertezza legali, fiduċja, livell għoli ta’ ħarsien għall-konsumatur), u s-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri (ma jkunx hemm aktar

il-ħtieġa li jiġu eżaminati d-Drittijiet barranin);

Or. nl

Emenda 47
Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

2a. Jilqa' l-fatt li l-opzjoni magħżula tqis b'mod debitu tal-prinċipju tassussidjarjetà u huwa mingħajr ħsara għall-poteri leġiżlattivi tal-Istati Membri fil-qasam tad-Dritt Kuntrattwali u Ċivili;

Or. de

Emenda 48
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3. Jemmen li dan is-‘sett ta’ għodod’ jista’ possibilment jitqiegħed fil-prattika fuq diversi stadji, b’bidu bħala għodda tal-Kummissjoni, filwaqt li, *ladarba jkun hemm ftehim bejn l-istituzzjonijiet*, huwa jiġi kkonvertit f’għodda għal-leġiżlatur tal-Unjoni; *jirrimarka li dan is-‘sett ta’ għodod’ jipprovdi l-isfond u l-pedament legali meħtieġa li bihom ikun jista’ jopera l-istrument*;

3. Jemmen li dan is-‘sett ta’ għodod’ jista’ possibilment jitqiegħed fil-prattika fuq diversi stadji, b’bidu bħala għodda tal-Kummissjoni, filwaqt li, *jekk jinstab li hu utli*, huwa jiġi kkonvertit f’għodda għal-leġiżlatur tal-Unjoni; *iqis li “kaxxa tal-għodda” tista’ tissaħħa b’mod utli b’sett awtonomu ta’ pattijiet u kundizzjonijiet standard li jistgħu jkunu liberament disponibbli għan-negozji*;

Or. en

Emenda 49
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jemmen li dan is-‘sett ta’ għodod’ jista’ possibilment jitqiegħed fil-prattika fuq diversi stadji, b’bidu bħala għodda tal-Kummissjoni, filwaqt li, ladarba jkun hemm ftehim bejn l-istituzzjonijiet, huwa jiġi kkonvertit f’għodda għal-leġiżlatur tal-Unjoni; ***jirrimarka li dan is-‘sett ta’ għodod’ jipprova l-isfond u l-pedament legali meħtieġa li bihom ikun jista’ jopera l-istrument;***

Emenda

3. Jemmen li dan is-‘sett ta’ għodod’ jista’ possibilment jitqiegħed fil-prattika fuq diversi stadji, b’bidu bħala għodda tal-Kummissjoni, filwaqt li, ladarba jkun hemm ftehim bejn l-istituzzjonijiet, huwa jiġi kkonvertit f’għodda għal-leġiżlatur tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 50
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jemmen li dan is-‘sett ta’ għodod’ jista’ possibilment jitqiegħed fil-prattika fuq diversi stadji, b’bidu bħala għodda tal-Kummissjoni, filwaqt li, ladarba jkun hemm ftehim bejn l-istituzzjonijiet, huwa jiġi kkonvertit f’għodda għal-leġiżlatur tal-Unjoni; ***jirrimarka li dan is-‘sett ta’ għodod’ jipprova l-isfond u l-pedament legali meħtieġa li bihom ikun jista’ jopera l-istrument;***

Emenda

3. Jemmen li dan is-‘sett ta’ għodod’ jista’ possibilment jitqiegħed fil-prattika fuq diversi stadji, b’bidu bħala għodda tal-Kummissjoni, filwaqt li, ladarba jkun hemm ftehim bejn l-istituzzjonijiet, huwa jiġi kkonvertit f’għodda għal-leġiżlatur tal-Unjoni; ***jirrimarka li kull ‘kaxxa tal-għodda’ użata għall-kuntratti negozju-konsumatur għandha tkun msejsa fuq valutazzjoni tar-regoli tassattivi nazzjonali tal-ħarsien tal-konsumatur kemm fl-acquis eżistenti tad-dritt tal-konsumatur u kemm barra minnu u għandu jagħti l-ispeċifiċitajiet neċessarji tal-kuntratti tal-konsumatur f’livell verament għoli ta’ ħarsien;***

Emenda 51
Sebastian Valentin Bodu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3a. Huwa tal-fehma li bl-ikkomplementar tal-istrument fakultattiv b'kaxxa tal-għodda', informazzjoni aktar ċara tkun disponibbli f'dak l-istrument tal-UE, billi tingħata għajnuna lill-partijiet ikkonċernati ħalli jifhmu aħjar jeddijiethom u jagħmlu għażliet infurmati meta jidħlu f'kuntratti fuq il-bażi ta' dik is-sistema, u li l-qafas legali se jkun jinftiehem aktar u ma jkunx oneruż wisq;

Or. ro

Emenda 52
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3a. Iqis li huwa importanti li l-ebda kaxxa tal-għodda ma sservi biex tippredetermina l-prinċipji u s-sostanza ġuridika ta' kull leġiżlazzjoni futura fil-qasam tad-Dritt Kontrattwali, u li tkun tinkludi fost l-“għodda” tagħha kunċetti mill-gamma diversa ta' tradizzjonijiet ġuridiċi fl-UE, aktar milli dawk li jinsabu fl-Abbozz tal-Qafas Komuni ta' Riferenza;

Or. en

Emenda 53
Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3a. Jara l-istrument fakultattiv għall-konsumaturi bħala problematiku billi, b'mod partikolari, iqiegħed il-piż tad-deċiżjoni fuq l-aħjar għażla ta' dritt fuq il-konsumaturi, bħala l-kontraent kummerċjali l-aktar dgħajjef, deċiżjoni li, fl-assenza ta' għarfien preċiż dwar l-opzjonijiet veri disponibbli li minnhom tista' ssir għażla, ma jkunux indaqs fl-għemil; iqis li l-introduzzjoni ta' strument fakultattiv Ewropew għad-Dritt Kuntrattwali – għad li fl-istess waqt ikun jeskludi l-applikazzjoni tar-Regolament Ruma I – ikun qiegħed, barra minhekk, jiżvantaġġja lill-konsumaturi billi jċaħħadhom mill-protezzjoni offerta mid-dispożizzjonijiet nazzjonali tassattivi possibilment aktar favorevoli;

Or. de

Emenda 54
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4. Iqis li l-istrument jiġġenera valur miżjud Ewropew, b'mod partikolari billi jiżgura li jkun hemm ċertezza legali permezz tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u jipprovd, fl-istess ħin, il-potenzjal li jingħelbu l-ostakoli kemm legali kif ukoll lingwistiċi, peress li l-

imħassar

istrument ikun naturalment disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE;

Or. en

Emenda 55
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4. Iqis li l-istrument jiġġenera valur miżjud Ewropew, b'mod partikulari billi jiżgura li jkun hemm ċertezza legali permezz tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u jipprovdi, fl-istess ħin, il-potenzjal li jingħelbu l-ostakoli kemm legali kif ukoll lingwistiċi, peress li l-istrument ikun naturalment disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE;

imħassar

Or. en

Emenda 56
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4. Iqis li l-istrument jiġġenera valur miżjud Ewropew, b'mod partikulari billi jiżgura li jkun hemm ċertezza legali permezz tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u jipprovdi, fl-istess ħin, il-potenzjal li jingħelbu l-ostakoli kemm legali kif ukoll lingwistiċi, peress li l-istrument ikun naturalment disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE;

4. Iqis li “kaxxa tal-għodda” u sett akkumpannjanti ta’ pattijiet u kundizzjonijiet standard jiġġeneraw valur miżjud Ewropew, b'mod partikulari billi jittrattaw l-ostakoli kemm legali kif ukoll lingwistiċi, peress li l-“kaxxa tal-għodda” tassista b'mod naturali lil-leġiżlaturi, tinkoraġġixxi definizzjonijiet u approċċi komuni f'każijiet ta' riforma legali, filwaqt li sett ta' pattijiet u kundizzjonijiet standard ikun naturalment disponibbli fil-

lingwi kollha tal-UE, *filwaqt li jiffaċilita l-użu fit-tranżazzjonijiet bejn il-fruntieri*;

Or. en

Emenda 57
Toine Manders

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Iqis li l-istrument jiġġenera valur miżjud Ewropew, b'mod partikulari billi jiżgura li jkun hemm ċertezza legali permezz tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u jipprovdi, fl-istess ħin, il-potenzjal li jingħelbu l-ostakoli kemm legali kif ukoll lingwistiċi, peress li l-istrument ikun naturalment disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE;

Emenda

4. Iqis li l-istrument jiġġenera valur miżjud Ewropew, b'mod partikulari billi jiżgura li jkun hemm ċertezza legali permezz tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u jipprovdi, fl-istess ħin, il-potenzjal li jingħelbu l-ostakoli kemm legali kif ukoll lingwistiċi, peress li l-istrument ikun naturalment disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE; *jisħaq li, biex joħloq komprensjoni aħjar tal-mod li bih jiffunzjonaw l-istituzzjonijiet Ewropej, iċ-ċittadini Ewropej għandu jkollhom l-opportunità li jkollhom kull tip ta' tagħrif marbut mal-istrument fakultattiv tradott b'għodod ta' traduzzjoni online aċċessibbli u faċilment utilizzabbli, ħalli jkunu jistgħu jaqraw it-tagħrif meħtieġ f'islenhom stess*;

Or. nl

Emenda 58
Hella Ranner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Iqis li l-istrument jiġġenera valur miżjud Ewropew, b'mod partikulari billi jiżgura li

Emenda

4. Iqis li l-istrument jiġġenera – *fil-limiti xierqa stabbiliti mid-diviżjoni tal-poteri* –

jkun hemm ċertezza legali permezz tal-
ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u
jipprovdi, fl-istess ħin, il-potenzjal li
jingħelbu l-ostakoli kemm legali kif ukoll
lingwistiċi, peress li l-istrument ikun
naturalment disponibbli fil-lingwi kollha
tal-UE;

valur miżjud Ewropew, b'mod partikulari
billi jiżgura li jkun hemm ċertezza legali
permezz tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-
Ġustizzja, u jipprovdi, fl-istess ħin, il-
potenzjal li jingħelbu l-ostakoli kemm
legali kif ukoll lingwistiċi, peress li l-
istrument ikun naturalment disponibbli fil-
lingwi kollha tal-UE, *għad li x-xkiel
lingwistiku fil-qasam tal-atti ġuridiċi
adottati fuq il-bażi tal-awtonomija tal-
partijiet – b'mod partikolari b'rabta mal-
pattijiet u l-kundizzjonijiet standard – u
wkoll fil-qasam tar-reklamar, it-tagħrif
dwar il-prodott jew lill-klijent ma jistax
jitneħħa b'miżuri leġiżlattivi;*

Or. de

Emenda 59
Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*4a. Jemmen li l-partijiet kollha, kemm
jekk fi tranżazzjonijiet B2B jew B2C,
għandhom ikunu liberi jagħżlu jew ma
jagħżlux l-istrument fakultattiv bħala
alternattiva għad-dritt nazzjonali jew
internazzjonali (opt-in) u għalhekk jitlob
lill-Kummissjoni tikkjarifika r-relazzjoni
li beħsiebha li jkun hemm bejn l-
istrument fakultattiv u r-Regolament
Ruma I u l-konvenzjonijiet
internazzjonali inkluż l-Konvenzjoni tan-
Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kuntratti għall-
Bejgħ Internazzjonali tal-Beni (CISG);*

Or. en

Emenda 60
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5. Jara vantaġġ prattiku konsiderevoli fin-natura flessibbli u volontarja ta' strument opt-in; jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni biex tinkludi fi kwalunkwe proposta għal strument fakultattiv mekkaniżmu għall-monitoraġġ u reviżjoni regolari, bl-involviment mill-qrib tal-partijiet kollha kkonċernati;

imħassar

Or. en

Emenda 61
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5. Jara vantaġġ prattiku konsiderevoli fin-natura flessibbli u volontarja ta' strument opt-in; jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni biex tinkludi fi kwalunkwe proposta għal strument fakultattiv mekkaniżmu għall-monitoraġġ u reviżjoni regolari, bl-involviment mill-qrib tal-partijiet kollha kkonċernati;

5. Jara vantaġġ prattiku konsiderevoli fl-użu ta' "kaxxa tal-għodda" bħala punt ta' riferiment għal-leġiżlaturi; iqis li "kaxxa tal-għodda" tippermetti lil-leġiżlaturi jwettqu apprezzament meqjus tal-utilità tal-Qafas Komuni ta' Riferenza f'rabta mar-rieżamijiet futuri u l-iżviluppi tad-Dritt Kuntrattwali fl-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 62
Eva Lichtenberger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. Jara vantaġġ prattiku konsiderevoli fin-natura flessibbli u volontarja ta' strument opt-in; jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni *biex tinkludi fi kwalunkwe proposta għal strument fakultattiv mekkaniżmu għall-monitoraġġ u reviżjoni regolari, bl-involviment mill-qrib tal-partijiet kollha kkonċernati;*

Emenda

5. Jara vantaġġ prattiku konsiderevoli fin-natura flessibbli u volontarja ta' strument opt-in; jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni *jikkjarifika l-vantaġġi ta' tali strument kemm għall-konsumaturi kemm għan-negozji;*

Or. en

Emenda 63

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. Jara vantaġġ prattiku *konsiderevoli* fin-natura flessibbli u volontarja ta' strument opt-in; jistieden, *madankollu*, lill-Kummissjoni *biex* tinkludi fi kwalunkwe proposta għal strument fakultattiv mekkaniżmu għall-monitoraġġ u reviżjoni regolari, bl-involviment mill-qrib tal-partijiet kollha kkonċernati;

Emenda

5. Jara vantaġġ prattiku *possibbli* fin-natura flessibbli u volontarja ta' strument opt-in; *b'danakollu* jistieden lill-Kummissjoni *tikkjarifika aħjar liema parti kontraenti jkollha l-għażla bejn l-istrument fakultattiv u d-Dritt "normalment" applikabbli u kif il-Kummissjoni beħsiebha tirriduċi l-kostijiet tat-tranżazzjoni; Jistieden lill-Kummissjoni* tinkludi fi kwalunkwe proposta għal strument fakultattiv mekkaniżmu għall-monitoraġġ u reviżjoni regolari, bl-involviment mill-qrib tal-partijiet kollha kkonċernati *ħalli tiżgura li l-istrument fakultattiv jimxi mal-acquis eżistenti, mal-ħtiġiet tas-suq u mal-iżviluppi ġuridiċi u ekonomiċi;*

Or. en

Emenda 64
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. *Jara vantaġġ prattiku konsiderevoli fin-natura flessibbli u volontarja ta' strument opt-in; jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni biex tinkludi fi kwalunkwe proposta għal strument fakultattiv mekkaniżmu għall-monitoraġġ u reviżjoni regolari, bl-involviment mill-qrib tal-partijiet kollha kkonċernati;*

Emenda

5. *Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi fi kwalunkwe proposta għal 'kaxxa tal-għodda' mekkaniżmu għall-monitoraġġ u reviżjoni regolari, bl-involviment mill-qrib tal-partijiet kollha kkonċernati;*

Or. en

Emenda 65
Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5a. Jaqbel, b'mod partikolari, mar-Regolament Ruma I dwar id-Dritt applikabbli għall-obbligi kontrattwali, bil-prinċipju tiegħu tal-favorabilità, li jagħti protezzjoni ppruvata u affidabbli għall-konsumaturi b'raba mal-kuntratti bejn il-fruntieri, li ma jistgħux ikunu mminat;

Emenda

Or. de

Emenda 66
Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5a. Jistieden lill-Kummissjoni jikkjarifika l-vantaġġi ta' tali strument kemm għall-konsumaturi kemm għan-negozji;

Or. en

Emenda 67

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Evelyn Regner, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5 b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5b. Huwa mħasseb dwar il-konfużjoni li s-sett addizzjonali ta' regoli jista' joħloq għall-SMEs, imma, b'mod partikolari, għall-konsumaturi, meta jinżamm amment li biex jeżegwixxu jeddijiethom il-konsumaturi jridu qabel xejn ikunu konxji minnhom;

Or. en

Emenda 68

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5 c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5c. Jinsisti li l-leġiżlazzjoni li toħloq l-istrument fakultattiv tkun adottata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u li l-istrument fakultattiv innifsu jkun soġġett għall-iskrutinju u emendar skont dik il-proċedura;

Or. en

Emenda 69
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jemmen li għandhom jiġu koperti kemm il-kuntratti bejn l-impriżi kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji, fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 70
Francesco Enrico Speroni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jemmen li għandhom jiġu koperti kemm il-kuntratti bejn l-impriżi kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji, fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti;

Emenda

6. Jemmen li għandhom jiġu koperti kemm il-kuntratti bejn l-impriżi kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji;

Or. it

Emenda 71
Francesco Enrico Speroni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jemmen li għandhom jiġu koperti kemm il-kuntratti bejn l-impriżi kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji, fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti;

Emenda

6. Jemmen li għandhom jiġu koperti kemm il-kuntratti bejn l-impriżi kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji **marbutin mat-tranżazzjonijiet bejn il-fruntieri**, fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti;

Or. it

Emenda 72
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jemmen li għandhom **jiġu koperti kemm il-kuntratti bejn l-impriżi kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi**; jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, **minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji, fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti**;

Emenda

6. Jemmen li **s-sett ta' pattijiet u kundizzjonijiet standard** għandhom **jiġu redatti esklussivament b'rabta mal-kuntratt bejn il-fruntieri negozju-konsumatur**; jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji;

Or. en

Emenda 73
Eva Lichtenberger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jemmen li **għandhom** jiġu koperti **kemm il-kuntratti bejn l-impriżi kif ukoll** il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; **jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji, fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti;**

Emenda

6. Jemmen li **biex** jiġu koperti **l-kuntratt** bejn l-impriżi u l-konsumaturi **għandu jkun żgurat livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni tabbozza White Paper fejn id-dispożizzjoniet tal-liġi dwar il-ħarsien tal-konsumatur ikun iddefeniti tajjeb;**

Or. en

Emenda 74
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jemmen li **għandhom jiġu** koperti **kemm** il-kuntratti bejn l-impriżi **kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji, fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti;**

Emenda

6. Jemmen li **jkunu** koperti **biss** il-kuntratti bejn l-impriżi **bi strument Ewropew ta' dritt kontrattwali potenzjali; iqis li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur jeħtieġ li jkun għoli, u li ma jridx ikun maħsub li jieħu post id-dispożizzjonijiet nazzjonali tassattivi, b'mod partikolari dwar il-liġi tal-konsumaturi;**

Or. en

Emenda 75
Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jemmen li **għandhom** jiġu koperti **kemm** il-kuntratti bejn l-impriżi **kif ukoll** il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi;

Emenda

6. Jemmen li **għandhom** jiġu koperti **kemm** il-kuntratti bejn l-impriżi **kif ukoll** il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi;

jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji, **fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti;**

jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji **u jittama li jkun spjegazzjoni dwar kif dan jista' jinkiseb; jistieden lill-Kummissjoni żżomm quddiem għajnejha li għandha tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għall-problemi tad-Dritt Internazzjonali Privat;**

Or. en

Emenda 76

Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jemmen li għandhom jiġu koperti kemm il-kuntratti bejn l-impriżi kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur **irid ikun** għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji, fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti;

Emenda

6. Jemmen li għandhom jiġu koperti kemm il-kuntratti bejn l-impriżi kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; jenfasizza li l-**istrument fakultattiv għandu joffri** livell ta' protezzjoni tal-konsumatur **għoli ħafna**, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji, fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti; **jemmen għalhekk li l-livell ta' ħarsien tal-konsumatur għandu jkun ogħla mill-ħarsien minimu mogħti mill-Acquis tal-Konsumatur u jkopri kemm jista' jkun regoli nazzjonali tassattivi; iqis li dan il-livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur huwa wkoll fl-interessi tan-negozji billi jkunu huma li jaħsdu l-frott tal-istrument fakultattiv jekk il-konsumaturi tal-Istati Membri kollha jkollhom fiduċja li l-għażla tal-istrument fakultattiv ma ċcaħhadhomx mill-ħarsien;**

Or. en

Emenda 77
Toine Manders

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jemmen li għandhom jiġu koperti kemm il-kuntratti bejn l-impriżi kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji, fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti;

Emenda

6. Jemmen li għandhom jiġu koperti kemm il-kuntratti bejn l-impriżi kif ukoll il-kuntratti bejn l-impriżi u l-konsumaturi; jenfasizza li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur irid ikun għoli, minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji, fosthom fil-qasam tal-liġi tal-konsumaturi, ikunu jridu jiġu ssostitwiti; ***iqis li hu neċessarju, għalhekk, f'dak li għandu x'jaqsam mal-introduzzjoni ta' dan l-istrument fakultattiv, li jkun hemm sett uniformi ta' regoli – li jispjega f'lingwaġġ ċar u li jinftiehem x'inhuma l-jeddijiet tal-konsumaturi u li dawn ma jkunux kompromessi, ħalli l-konsumaturi jkollhom fiduċja fl-istrument fakultattiv, u meta jkunu jafu jeddijiethom, ikunu f'qagħda li jiddeċiedu jekk iridux jikkonkludu kuntratt fuq din il-bażi alternattiva – kif ukoll deskrizzjoni tar-relazzjoni għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ruma I, b'mod li dan l-istrument fakultattiv ikollu l-valur miżjud ġenwin;***

Or. nl

Emenda 78
Toine Manders

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6a. Jindika li l-benefiċċji ta' Dritt Kuntrattwali Ewropew għandhom ikunu kkomunikati b'mod pożittiv liċ-ċittadini,

jekk għandu jkollu l-leġittimità u l-appoġġ politiċi;

Or. nl

Emenda 79
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

7. Ma jara l-ebda raġuni għaliex strument fakultattiv m'għandux ikun disponibbli b'mod fakultattiv (opt-in) kemm f'sitwazzjonijiet transkonfinali kif ukoll f'sitwazzjonijiet domestiċi, peress li dan ikollu l-vantaġġi tas-sempliċità u tal-iffrankar tal-ispejjeż, speċjalment fis-settur tal-SMEs; jemma, madankollu, li l-effetti ta' opt-in domestiku fuq l-korpi nazzjonali tal-liġi kuntrattwali jistħoqqilhom analiżi speċifika;

imħassar

Or. en

Emenda 80
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

7. Ma jara l-ebda raġuni għaliex strument fakultattiv m'għandux ikun disponibbli b'mod fakultattiv (opt-in) kemm f'sitwazzjonijiet transkonfinali kif ukoll f'sitwazzjonijiet domestiċi, peress li dan ikollu l-vantaġġi tas-sempliċità u tal-iffrankar tal-ispejjeż, speċjalment fis-settur tal-SMEs; jemma, madankollu, li l-effetti ta' opt-in domestiku fuq l-korpi nazzjonali

7. Iqis li l-kamp ta' applikazzjoni ta' "kaxxa tal-għodda" għandu jkun wiesa', applikabbli primarjament b'rabta mas-sitwazzjonijiet b'implikazzjonijiet ta' bejn il-fruntieri; jinnotta li għandu wkoll ikollu applikazzjoni f'sitwazzjonijiet domestiċi, peress li dan jista' jkollu -vantaġġi tas-sempliċità u tal-iffrankar tal-ispejjeż, speċjalment fis-settur tal-SMEs; jemma

tal-liġi kuntrattwali jistħoqqilhom analiżi speċifika;

b'qawwa, madankollu, li kull applikazzjoni domestika b'hal din tkun materja li l-Istati Membri għandu jiddeterminawha;

Or. en

Emenda 81
Eva Lichtenberger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. *Ma jara l-ebda raġuni għaliex* strument fakultattiv *m'għandux ikun* disponibbli b'mod fakultattiv (opt-in) *kemm* f'sitwazzjonijiet transkonfinali kif ukoll *f'sitwazzjonijiet domestiċi, peress li dan ikollu l-vantaġġi tas-semplċità u tal-iffrankar tal-ispejjeż, speċjalment fis-settur tal-SMEs; jemma, madankollu, li l-effetti ta' opt-in domestiku fuq l-korpi nazzjonali tal-liġi kuntrattwali jistħoqqilhom analiżi speċifika;*

Emenda

7. *Jemma li* strument fakultattiv *għandu jkun* disponibbli b'mod fakultattiv (opt-in) f'sitwazzjonijiet transkonfinali kif ukoll *għandu jkopru speċifikament it-tranżazzjonijiet tal-e-kummerċ; iqis li l-kamp ta' applikazzjoni jista' eventwalment jtkabbar wara analiżi speċifika u bir-reqqa;*

Or. en

Emenda 82
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. *Ma jara l-ebda raġuni għaliex* strument fakultattiv *m'għandux ikun* disponibbli b'mod fakultattiv (opt-in) kemm f'sitwazzjonijiet transkonfinali kif ukoll f'sitwazzjonijiet domestiċi, *peress li dan ikollu l-vantaġġi tas-semplċità u tal-iffrankar tal-ispejjeż, speċjalment fis-*

Emenda

7. *Jinkwieta li* strument fakultattiv disponibbli b'mod fakultattiv (opt-in) kemm f'sitwazzjonijiet transkonfinali kif ukoll f'sitwazzjonijiet domestiċi *jew f'sitwazzjonijiet transkonfinali biss, jikkomplika aktar l-ambjent legali, speċjalment fis-settur tal-SMEs u għall-*

settur tal-SMEs; jemma, *madankollu*, li l-effetti ta' opt-in domestiku fuq l-korpi nazzjonali tal-liġi kuntrattwali *jistħoqqilhom* analiżi speċifika;

konsumaturi, filwaqt li l-applikazzjoni domestika tiegħu tkun tobbli lill-konsumaturi li ma jkunux iridu jixtru bejn il-fruntieri jikkonkludu kuntratt li għalih ikun iviġi reġim estranju; jemma, *b'konsegwenza ta' hekk*, li l-effetti ta' opt-in domestiku fuq l-korpi nazzjonali tal-liġi kuntrattwali *jitolbu* analiżi speċifika *u kawtiela*;

Or. en

Emenda 83

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Ma jara l-ebda raġuni għaliex strument fakultattiv m'għandux ikun disponibbli *b'mod fakultattiv (opt-in) kemm f'sitwazzjonijiet transkonfinali kif ukoll f'sitwazzjonijiet domestiċi, peress li dan ikollu l-vantaġġi tas-sempliċità u tal-iffrankar tal-ispejjeż, speċjalment fis-settur tal-SMEs; jemma, madankollu, li l-effetti ta' opt-in domestiku fuq l-korpi nazzjonali tal-liġi kuntrattwali jistħoqqilhom analiżi speċifika;*

Emenda

7. Jemma li strument fakultattiv m'għandux ikun disponibbli *mill-ewwel u mhux sakemm ma tkun inkisbet biżżejjed esperjenza u mbagħad biss bħala* opt-in *f'sitwazzjonijiet bejn il-fruntieri;*

Or. en

Emenda 84

Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Jirrikonoxxi li l-kummerċ elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod

Emenda

imħassar

jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali; jemma, madankollu, li strument fakultattiv m'għandux ikun limitat għal dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet;

Or. en

Emenda 85
Francesco Enrico Speroni

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni

8. Jirrikonoxxi li l-kummerç elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali; *jemma, madankollu, li strument fakultattiv m'għandux ikun limitat għal dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet;*

Emenda

8. Jirrikonoxxi li l-kummerç elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali;

Or. it

Emenda 86
Sajjad Karim

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni

8. Jirrikonoxxi li l-kummerç elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali; jemma, *madankollu, li strument fakultattiv m'għandux ikun limitat għal dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet;*

Emenda

8. Jirrikonoxxi li l-kummerç elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali; jemma li *sett ta' pattijiet u kundizzjonijiet standard jista' jgħin ħalli jinkoraġġixxi lill-kummerçjanti joffru l-beni online;*

Or. en

Emenda 87
Alexandra Thein

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Jirrikonoxxi li l-kummerċ elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali; jemma, madankollu, li strument fakultattiv *m'għandux ikun limitat għal dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet*;

Emenda

8. Jirrikonoxxi li l-kummerċ elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali; jemma, madankollu, li strument fakultattiv *għandu jkun estiż għal tipi oħrajn ta' tranżazzjonijiet, imma biss bħala t-tieni pass, wara fażi suffiċjentement twila ta' testjar*;

Or. de

Emenda 88
Eva Lichtenberger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Jirrikonoxxi li l-kummerċ elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali; *jemma, madankollu, li strument fakultattiv m'għandux ikun limitat għal dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet*;

Emenda

8. Jirrikonoxxi li l-kummerċ elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali;

Or. en

Emenda 89
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Jirrikonoxxi li l-kummerċ elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali; ***jemmen, madankollu, li strument fakultattiv m'għandux ikun limitat għal dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet;***

Emenda

8. Jirrikonoxxi li l-kummerċ elettroniku jew il-kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod jirrappreżentaw sehem importanti tat-tranżazzjonijiet transkonfinali;

Or. en

Emenda 90
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Jemmen li l-iskop ta' 'sett ta' għodod' jista' jkun wiesa' mhux ħażin, filwaqt li kwalunkwe strument fakultattiv għandu jkun limitat għall-kwistjonijiet fundamentali tal-liġi kuntrattwali;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 91
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Jemmen li l-iskop ta' 'sett ta' għodod' jista' jkun wiesa' mhux ħażin, filwaqt li kwalunkwe strument fakultattiv għandu jkun limitat għall-kwistjonijiet fundamentali tal-liġi kuntrattwali;

Emenda

9. Jemmen li l-iskop ta' 'sett ta' għodod' jista' jkun wiesa' mhux ħażin;

Or. en

Emenda 92
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Jemmen li *l-iskop ta' 'sett ta' għodod'* jista' jkun wiesa' *mhux ħażin, filwaqt li kwalunkwe strument fakultattiv għandu jkun limitat għall-kwistjonijiet fundamentali tal-liġi kuntrattwali;*

Emenda

9. Jemmen li *l-kamp ta' applikazzjoni ta' 'kaxxa tal-għodda'* jista' jkun *pjuttost wiesa' u li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar id-Dritt kuntrattwali tal-konsumatur għandu jkun imsejjes fuq livell ġenwinament għoli ta' ħarsien;*

Or. en

Emenda 93
Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Jemmen li *l-iskop ta' 'sett ta' għodod'* jista' jkun wiesa' *mhux ħażin, filwaqt li kwalunkwe strument fakultattiv għandu jkun limitat għall-kwistjonijiet fundamentali tal-liġi kuntrattwali;*

Emenda

9. Jemmen li *l-iskop ta' 'sett ta' għodod'* jista' jkun wiesa' *mhux ħażin, filwaqt li kwalunkwe strument fakultattiv għandu jkun limitat għall-kwistjonijiet fundamentali tal-liġi kuntrattwali; jemmen li 'kaxxa tal-għodda' għandha tibqa' koerenti mal-istrument fakultattiv li jkun fiha regoli addizzjonali derivati, inter alia, mill-Abbozz tal-Qafas Komuni ta' Riferenza (DCFR)¹ akkademiku u l-'Principes contractuels communs' u 'Terminologie contractuelle commune'²;*

Or. en

¹ Von Bar, Clive, Schulte-Nölke et al. (ed.), Principles, Definitions and Model Rules of European Private Law – Draft Common Frame of Reference (DCFR), 2008.

² B. Fauvarque-Cosson, D. Mazeaud (dir.), collection 'Droit privé comparé et européen', Volumi 6 u 7, 2008.

Emenda 94

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-Esperti jikkjarifikaw x'għandu jitqies bħala “kwestjonijiet essenzjali tad-dritt kontrattwali”;

Or. en

Emenda 95 Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10. Jara l-benefiċċji fi **strument fakultattiv li jkollu** dispożizzjonijiet **speċifiċi** għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; **itenni t-talba preċedenti tiegħu sabiex il-kuntratti ta' assikurazzjoni jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-strument fakultattiv, minħabba li jemmen li dan l-strument ikun ta' siwi partikulari għall-kuntratti ta' assikurazzjoni ta' skala żgħira; jirrimarka li tqajmu xi kwistjonijiet speċifiċi li għalihom strument fakultattiv jista' jkun ta' benefiċċju, bħad-drittijiet** diġitali u **l-pussess benefiċjarju**; iqis li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku;

10. Jara l-benefiċċji f'**“kaxxa tal-għodda” li tkun tqis fid-dettall id**-dispożizzjonijiet għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; **jemmen li oqsma oħrajn jistgħu jibbenefikaw ukoll jekk jitqiesu, inkluż it-trattament tal-jeddjiet** diġitali u **l-proprietà benefiċjarja**; iqis li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku;

Or. en

Emenda 96
Eva Lichtenberger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Jara l-benefiċċji fi strument fakultattiv li jkollu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; *itenni t-talba preċedenti tiegħu sabiex il-kuntratti ta' assikurazzjoni jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument fakultattiv, minħabba li jemmen li dan l-istrument ikun ta' siwi partikulari għall-kuntratti ta' assikurazzjoni ta' skala żgħira; jirrimarka li tqajmu xi kwistjonijiet speċifiċi li għalihom strument fakultattiv jista' jkun ta' benefiċċju, bħad-drittijiet diġitali u l-pussess benefiċjarju; iqis li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku;*

Emenda

10. Jara l-benefiċċji fi strument fakultattiv li jkollu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; *jitlob li Grupp ta' Esperti jespjora l-possibilità tal-inklużjoni tal-kuntratti fil-qasam tal-jeddijiet tal-awturi bl-iskop li titjeb il-qagħda tal-awturi li ħafna drabi jkunu l-parti l-aktar dgħajfa f'relazżjoni kontrattwali;*

Or. en

Emenda 97
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Jara l-benefiċċji *fi* **strument fakultattiv** li jkollu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; *itenni t-talba preċedenti tiegħu sabiex il-kuntratti ta' assikurazzjoni jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-*

Emenda

10. Jara l-benefiċċji *f* **“kaxxa tal-għodda”** li jkollu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; jirrimarka li tqajmu xi kwistjonijiet speċifiċi li għalihom strument fakultattiv jista' jkun ta' benefiċċju, bħad-

istrument fakultattiv, minħabba li jemmen li dan l-istrument ikun ta' siwi partikulari għall-kuntratti ta' assikurazzjoni ta' skala żgħira; jirrimarka li tqajmu xi kwistjonijiet speċifiċi li għalihom strument fakultattiv jista' jkun ta' benefiċċju, bħad-drittijiet diġitali u l-pussess benefiċjarju; iqis li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku;

drittijiet diġitali u l-pussess benefiċjarju; iqis li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku;

Or. en

Emenda 98

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Jara l-benefiċċji fi strument fakultattiv li jkollu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; itenni t-talba preċedenti tiegħu sabiex il-kuntratti ta' assikurazzjoni jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument fakultattiv, minħabba li jemmen li dan l-istrument ikun ta' siwi partikulari għall-kuntratti ta' assikurazzjoni ta' skala żgħira; jirrimarka li tqajmu xi kwistjonijiet speċifiċi li għalihom strument fakultattiv jista' jkun ta' benefiċċju, bħad-drittijiet diġitali u l-pussess benefiċjarju; iqis li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku;

Emenda

10. Jara l-benefiċċji fi strument fakultattiv li jkollu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; itenni t-talba preċedenti tiegħu sabiex il-kuntratti ta' assikurazzjoni jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument fakultattiv, minħabba li jemmen li dan l-istrument ikun ta' siwi partikulari għall-kuntratti ta' assikurazzjoni ta' skala żgħira; jirrimarka li tqajmu xi kwistjonijiet speċifiċi li għalihom strument fakultattiv jista' jkun ta' benefiċċju, bħad-drittijiet diġitali u l-pussess benefiċjarju; iqis li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku; ***f'kull każ jemmen li l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument fakultattiv għandu jkun limitat għall-ewwel istanza;***

Or. en

Emenda 99
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Jara l-benefiċċji *fi strument fakultattiv* li *jkollu* dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; itenni t-talba preċedenti tiegħu sabiex *il-kuntratti ta' assikurazzjoni jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument fakultattiv*, minħabba li jemmen li dan l-istrument ikun ta' siwi partikulari għall-kuntratti ta' assikurazzjoni ta' skala żgħira; *jirrimarka li tqajmu xi kwistjonijiet speċifiċi li għalihom strument fakultattiv jista' jkun ta' benefiċċju, bħad-drittijiet diġitali u l-pussess benefiċjarju; iqis* li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku;

Emenda

10. Jara l-benefiċċji *"kaxxa tal-għodda"* *għad-Dritt kuntrattwali* li *jkollha* dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; itenni t-talba preċedenti tiegħu sabiex *jittqiesu l-kuntratti ta' assikurazzjoni*, minħabba li jemmen li dan l-istrument ikun ta' siwi partikulari għall-kuntratti ta' assikurazzjoni ta' skala żgħira; *imma jqis* li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku;

Or. en

Emenda 100
Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Jara l-benefiċċji *fi strument fakultattiv* li *jkollu* dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; itenni t-talba preċedenti tiegħu sabiex *il-kuntratti ta' assikurazzjoni jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument fakultattiv*, minħabba li jemmen li dan l-istrument ikun ta' siwi partikulari

Emenda

10. Jara l-benefiċċji *fi strument fakultattiv* li *jkollu* dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aktar tipi frekwenti ta' kuntratti, l-aktar għall-bejgħ ta' prodotti u għall-għoti ta' servizzi; itenni t-talba preċedenti tiegħu sabiex *il-kuntratti ta' assikurazzjoni jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument fakultattiv u jkunu msejsa fuq il-Prinċipju tad-Dritt Ewropew tal-Kuntratt*

għall-kuntratti ta' assikurazzjoni ta' skala żgħira; jirrimarka li tqajmu xi kwistjonijiet speċifiċi li għalihom strument fakultattiv jista' jkun ta' benefiċċju, bħad-drittijiet diġitali u l-pussess benefiċjarju; iqis li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku;

Assikurattivi (PEICL)¹, minħabba li jemmen li dan l-istrument ikun ta' siwi partikulari għall-kuntratti ta' assikurazzjoni ta' skala żgħira; jirrimarka li tqajmu xi kwistjonijiet speċifiċi li għalihom strument fakultattiv jista' jkun ta' benefiċċju, bħad-drittijiet diġitali u l-pussess benefiċjarju; iqis li, mill-banda l-oħra, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu esklużi ċerti tipi ta' kuntratti kumplessi tad-dritt pubbliku;

Or. en

Emenda 101

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10 a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10a. Jemmen li l-istrument fakultattiv għandu jkun koerenti mal-acquis eżistenti fid-Dritt kontrattwali;

Or. en

Emenda 102 Sajjad Karim

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11. Jinnota li jidher li hemm **grupp ċar fost l-SMEs li għandu aspettattivi ta' benefiċċji minn strument fakultattiv, bit-twissija, madankollu, li dan l-istrument għandu jitfassal b' manjiera li jkun**

11. Iqis li "**kaxxa tal-għodda**" tista' tkun integrata malajr fil-proċessi ta' redazzjoni tal-leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni; jinnota li hemm ftehim ċar bejn il-gruppi tan-negożju u tal-konsumaturi dwar l-utilità ta' "**kaxxa tal-għodda**"; jinnota wkoll ix-

¹ Grupp ta' Proġett "Restatement of European Insurance Contract Law", status 2009, ara: <http://www.restatement.info>.

sempliċi li jintuża mill-partijiet kollha;

xettiżmu ta' ħafna minn dawn l-istakeholders fil-konfront tal-azzjoni li tmur oltre "kaxxa tal-għodda", ngħidu aħna strument fakultattiv;

Or. en

Emenda 103

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11. *Jinnota li jidher li hemm grupp ċar fost l-SMEs li għandu aspettattivi ta' benefiċċji minn strument fakultattiv, bit-twissija, madankollu, li dan l-istrument għandu jitfassal b'manjiera li jkun **sempliċi** li jintuża mill-partijiet kollha;*

11. *Iqis li l-istrument għandu jitfassal b'manjiera li jkun **sempliċi**, ċar u ekwibrat ħalli jintuża mill-partijiet kollha, **b'mod partikolari mill-SMEs u l-konsumaturi**;*

Or. en

Emenda 104

Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11. Jinnota li *jidher li hemm grupp ċar fost l-SMEs li għandu aspettattivi ta' benefiċċji minn strument fakultattiv, bit-twissija, madankollu, li dan l-istrument għandu jitfassal b'manjiera li jkun **sempliċi** li jintuża mill-partijiet kollha;*

11. Jinnota li *skont ir-risponsijiet għall-konsultazzjoni reċenti tal-Kummissjoni, ħafna organizzazzjonijiet tan-negozji u konsumaturi huma xettiċi dwar l-allegati vantaġġi ta' strument fakultattiv imma xorta jpoġġjaw opzjoni ta' kaxxa tal-għodda;*

Or. en

Emenda 105
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. Jinnota li *jidher li hemm grupp ċar fost l-SMEs li għandu aspettattivi ta' benefiċċji minn strument fakultattiv, bit-twissija, madankollu, li dan l-istrument għandu jiffassal b'manjiera li jkun sempliċi li jintuża mill-partijiet kollha;*

Emenda

11. Jinnota li *skont ir-risponsijiet għall-konsultazzjoni reċenti tal-Kummissjoni, ħafna organizzazzjonijiet tan-negozji u konsumaturi huma xettiċi dwar l-allegati vantaġġi ta' strument fakultattiv imma xorta jpoġġjaw opzjoni ta' kaxxa tal-għodda;*

Or. en

Emenda 106
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. *Jemmen li, filwaqt li strument fakultattiv ikollu l-effett li jipprovdi korp ġuridiku uniku, xorta jibqa' l-ħtieġa li jiġu stabbiliti termini u kundizzjonijiet standard tal-kummerċ li jistgħu jiġu prodotti b'mod sempliċi u komprensibbli, li jkunu disponibbli immedjatament għall-SMEs u li jkollhom sistema ta' marka ta' fiduċja li tiżgura l-fiduċja tal-konsumaturi;*

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 107
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jemmen li, ***filwaqt li strument fakultattiv ikollu l-effett li jipprovdi korp ġuridiku uniku, xorta jibqa' l-ħtieġa li jiġu stabbiliti*** termini u kundizzjonijiet standard tal-kummerċ li jistgħu jiġu prodotti b'mod sempliċi u komprensibbli, li ***jkunu*** disponibbli immedjatament għall-SMEs u li jkollhom ***sistema ta' marka ta' fiduċja*** li tiżgura l-fiduċja tal-konsumaturi;

Emenda

12. Jemmen li termini u kundizzjonijiet standard tal-kummerċ li jistgħu jiġu prodotti b'mod sempliċi u komprensibbli, li ***għandhom ikunu*** disponibbli immedjatament għall-***azjendi, u b'mod partikolari*** l-SMEs u li jkollhom ***xi forma ta' avall*** li tiżgura l-fiduċja tal-konsumaturi;

Or. en

Emenda 108
Hella Ranner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jemmen li, filwaqt li strument fakultattiv ikollu l-effett li jipprovdi korp ġuridiku uniku, xorta jibqa' l-ħtieġa ***li jiġu stabbiliti termini u kundizzjonijiet standard tal-kummerċ li jistgħu jiġu prodotti b'mod sempliċi u komprensibbli, li jkunu disponibbli immedjatament għall-SMEs u li jkollhom sistema ta' marka ta' fiduċja li tiżgura l-fiduċja tal-konsumaturi;***

Emenda

12. Jemmen li, filwaqt li strument fakultattiv ikollu l-effett li jipprovdi korp ġuridiku uniku, xorta jibqa' l-ħtieġa ***skont it-tradizzjonijiet legali Ewropej u fil-qafas tar-regoli tal-awtonomija tal-kontraent skont il-leġiżlazzjoni tal-ħarsien tal-konsumatur, li jkun jagħti kamp ta' applikazzjoni biżżejjed għalbiex ir-relazzjonijiet kontrattwali isiru fuq il-bażi tal-awtonomija tal-kontraenti;***

Or. de

Emenda 109
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jemmen li, ***filwaqt li strument fakultattiv ikollu l-effett li jipprovdi korp ġuridiku uniku, xorta jibqa' l-ħtieġa li jiġu stabbiliti*** termini u kundizzjonijiet standard tal-kummerċ li jistgħu jiġu prodotti b'mod sempliċi u komprensibbli, li jkunu disponibbli immedjatament għall-SMEs u li jkollhom sistema ta' marka ta' fiduċja li tiżgura l-fiduċja tal-konsumaturi;

Emenda

12. Jemmen li ***għandhom jitqiesu alternattivi oħrajn kif ukoll id-dispożizzjoni ta'*** termini u kundizzjonijiet standard tal-kummerċ li jistgħu jiġu prodotti b'mod sempliċi u komprensibbli, li jkunu disponibbli immedjatament għall-SMEs ***u lill-konsumaturi*** u li jkollhom sistema ta' marka ta' fiduċja li tiżgura l-fiduċja tal-konsumaturi ***u l-aktar importanti għall-kontratti negozji-konsumatur, marbutin ma' mekkaniżmu online alternattiv għar-riżoluzzjoni tat-tilwim;***

Or. en

Emenda 110

Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jemmen li, filwaqt li strument fakultattiv ikollu l-effett li jipprovdi korp ġuridiku uniku, xorta jibqa' l-ħtieġa li jiġu stabbiliti termini u kundizzjonijiet standard tal-kummerċ li jistgħu jiġu prodotti b'mod sempliċi u komprensibbli, li jkunu disponibbli immedjatament għall-SMEs u li jkollhom sistema ta' marka ta' fiduċja li tiżgura l-fiduċja tal-konsumaturi;

Emenda

12. Jemmen li, filwaqt li strument fakultattiv ikollu l-effett li jipprovdi korp ġuridiku uniku, xorta jibqa' l-ħtieġa li jiġu stabbiliti termini u kundizzjonijiet standard tal-kummerċ li jistgħu jiġu prodotti b'mod sempliċi u komprensibbli, li jkunu disponibbli immedjatament għall-SMEs u li jkollhom sistema ta' marka ta' fiduċja li tiżgura l-fiduċja tal-konsumaturi; ***tinnota li l-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti standard imsejsin fuq strument fakultattiv joffri aktar ċertezza legali minn pattijiet standard għall-UE kollha msejsin fuq Drittijiet nazzjonali li abbli jkabbru l-possibilità li jkun hemm interpretazzjonijiet nazzjonali differenti bejniethom;***

Or. en

Emenda 111
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Ifakkar li għad hemm il-prijorità li tibqa' ssir ħidma dwar modi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim transkonfinali (ADR), b'mod partikulari għall-SMEs, ***iżda jenfasisza li, jekk il-partijiet jużaw korp wieħed tad-dritt ipprovdut mill-istrument fakultattiv, is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwimiet tiġi ffaċilitata aktar***; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra sinerġiji meta tiġi biex tressaq proposta;

Emenda

13. Ifakkar li għad hemm il-prijorità li tibqa' ssir ħidma dwar modi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim transkonfinali (ADR), b'mod partikulari għall-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra sinerġiji meta tiġi biex tressaq proposta;

Or. en

Emenda 112
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. ***Ifakkar li għad hemm il-prijorità li tibqa' ssir ħidma dwar modi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim transkonfinali (ADR), b'mod partikulari għall-SMEs, iżda jenfasisza li, jekk il-partijiet jużaw korp wieħed tad-dritt ipprovdut mill-istrument fakultattiv, is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwimiet tiġi ffaċilitata aktar; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra sinerġiji meta tiġi biex tressaq proposta;***

Emenda

13. ***Iqis li għandha tkun prijorità oġhla li tibqa' ssir ħidma dwar modi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim transkonfinali (ADR), b'mod partikulari għall-SMEs u l-konsumaturi aktar milli azzjoni fid-Dritt kontrattwali Ewropew;***

Or. en

Emenda 113
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Ifakkar li għad hemm il-prijorità li tibqa' ssir ħidma dwar modi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim transkonfinali (ADR), b'mod partikulari għall-SMEs, ***iżda jenfasizza li, jekk il-partijiet jużaw korp wieħed tad-dritt ipprovdut mill-istrument fakultattiv, is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwimiet tiġi ffaċilitata aktar***; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra sinerġiji meta tiġi biex tressaq proposta;

Emenda

13. Ifakkar li għad hemm il-prijorità li tibqa' ssir ħidma dwar modi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim transkonfinali (ADR), b'mod partikulari għall-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra sinerġiji meta tiġi biex tressaq proposta;

Or. en

Emenda 114
Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Ifakkar li għad hemm il-prijorità li tibqa' ssir ħidma dwar modi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim transkonfinali (ADR), b'mod partikulari għall-SMEs, iżda jenfasizza li, jekk il-partijiet jużaw korp wieħed tad-dritt ipprovdut mill-istrument fakultattiv, is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwimiet tiġi ffaċilitata aktar; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra sinerġiji meta tiġi biex tressaq proposta;

Emenda

13. Ifakkar li għad hemm il-prijorità li tibqa' ssir ħidma dwar modi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim transkonfinali (ADR), b'mod partikulari għall-SMEs, iżda jenfasizza li, jekk il-partijiet jużaw korp wieħed tad-dritt ipprovdut mill-istrument fakultattiv, is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwimiet tiġi ffaċilitata aktar; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra sinerġiji meta tiġi biex tressaq proposta; ***jinnota li l-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżoluzzjoni Online tat-Tilwim tal-UNCITRAL wera interess ukoll fl-istrument fakultattiv bħala mezz għalbiex tiġi ffaċilitata r-Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim¹ u għalhekk***

¹ Ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma III tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Internazzjonali tal-Kummerċ (ir-Riżoluzzjoni Online tat-Tilwim) dwar il-ħidma fit-tnejn u għoxrin sessjoni (Vjenna, 13-17 ta')

*jirrakkomanda li l-Kummissjoni ssegwi l-
iżviluppi fil-kopri internazzjonali l-
oħrajn;*

Or. en

Emenda 115

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Ifakkar li għad hemm il-prijorità li tibqa' ssir ħidma dwar modi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim transkonfinali (ADR), b' mod partikulari għall-SMEs, iżda jenfasizza li, jekk il-partijiet jużaw korp wieħed tad-dritt ipprovdut mill-istrument fakultattiv, is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwimiet tiġi ffaċilitata aktar; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra sinerġiji meta tiġi biex tressaq proposta;

Emenda

13. Ifakkar li għad hemm il-prijorità li tibqa' ssir ħidma dwar modi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim transkonfinali (ADR), ***li hu ċeleri u b' relazzjoni tajba bejn il-kost u l-effett*** b' mod partikulari għall-SMEs, iżda jenfasizza li, jekk il-partijiet jużaw korp wieħed tad-dritt ipprovdut mill-istrument fakultattiv, is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwimiet tiġi ffaċilitata aktar; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra sinerġiji meta tiġi biex tressaq proposta;

Or. en

Emenda 116

Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

14. Jissuġġerixxi li n-nuqqas ta' fiduċja fis-sistemi transkonfinali ta' rimedju tista' tiġi indirizzata aktar billi jkun hemm rabta diretta bejn l-istrument fakultattiv u

Emenda

imħassar

Diċembru 2010), p. 8, 10.

Emenda 117
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

14. Jissuġġerixxi li ***n-nuqqas ta' fiduċja*** fis-sistemi transkonfinali ta' rimedju tista' tiġi indirizzata ***aktar billi jkun hemm rabta diretta bejn l-istrument fakultattiv*** u l-Proċedura Ewropea tal-Ordni ta' Ħlas u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar;

Emenda

14. Jissuġġerixxi li ***t-titjib għall-funzjonament u l-effikaċja*** fis-sistemi transkonfinali ta' rimedju tista' tiġi indirizzata ***tkun iffaċilitata minn rabtiet bejn "kaxxa tal-għodda" u pattijiet u kundizzjonijiet standard*** u l-Proċedura Ewropea tal-Ordni ta' Ħlas u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar;

Emenda 118
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

14. Jissuġġerixxi li ***n-nuqqas ta' fiduċja*** fis-sistemi transkonfinali ta' rimedju ***tista'*** tiġi indirizzata aktar billi jkun hemm rabta diretta bejn ***l-istrument fakultattiv*** u l-Proċedura Ewropea tal-Ordni ta' Ħlas u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar;

Emenda

14. Jissuġġerixxi li ***n-non-eżistenza*** fis-sistemi transkonfinali ta' rimedju ***funzjonanti u effikaċi għandha*** tiġi indirizzata aktar billi jkun hemm rabta diretta bejn ***inzijattiva potenzjali ta' Dritt kontrattwali Ewropew*** u l-Proċedura Ewropea tal-Ordni ta' Ħlas u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar;

Emenda 119
Toine Manders

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

14. Jissuġġerixxi li n-nuqqas ta' fiduċja fis-sistemi transkonfinali ta' rimedju tista' tiġi indirizzata aktar billi jkun hemm rabta diretta bejn l-istrument fakultattiv u l-Proċedura Ewropea tal-Ordni ta' Ħlas u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar;

Emenda

14. Jissuġġerixxi li n-nuqqas ta' fiduċja fis-sistemi transkonfinali ta' rimedju tista' tiġi indirizzata aktar billi jkun hemm rabta diretta bejn l-istrument fakultattiv u l-Proċedura Ewropea tal-Ordni ta' Ħlas u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar; *hwa tal-fehma li għandha tinħoloq ittra elettronika qabel l-azzjoni ħalli tassisti lill-kumpaniji fil-ħarsien ta' jeddijiethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-proprjetà intellettuali u l-proċedura Ewropea għat-talbiet iż-żgħar;*

Or. nl

Emenda 120
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. Huwa mħasseb li l-konsumaturi rarament iħossu li għandhom għażla fir-rigward tat-termini tal-kuntratti u li jsibu ma' wiċċhom sitwazzjoni ta' "jekk hekk jew xejn"; jemmen b'saħħha li strument fakultattiv attraenti, bil-ftuħ ta' opportunitajiet għan-negozju u t-tisħiħ tal-kompetizzjoni, fil-fatt iwessa' l-għażla ġenerali disponibbli għall-konsumaturi;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 121

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. Huwa mħasseb li l-konsumaturi rarament iħossu li għandhom għażla fir-rigward tat-termini tal-kuntratti u li jsibu ma' wiċċhom sitwazzjoni ta' "jekk hekk jew xejn"; jemmen b'saħħa li strument fakultattiv attraenti, bil-ftuħ ta' opportunitajiet għan-negozju u t-tiżiħ tal-kompetizzjoni, *fil-fatt iwessa' l-għażla ġenerali disponibbli għall-konsumaturi;*

Emenda

15. Huwa mħasseb li l-konsumaturi rarament iħossu li għandhom għażla fir-rigward tat-termini tal-kuntratti u li jsibu ma' wiċċhom sitwazzjoni ta' "jekk hekk jew xejn"; jemmen b'saħħa li strument fakultattiv attraenti, bil-ftuħ ta' opportunitajiet għan-negozju u t-tiżiħ tal-kompetizzjoni, *fil-fatt iwessa' l-għażla ġenerali disponibbli għall-konsumaturi filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' ħarsien; jixtieq b'danakollu li jkun hemm spjegazzjoni dwar kif dan il-livell għoli ta' ħarsien jista' jinkiseb u dwar kif, fl-istess waqt, jista' jkun possibbli li l-istrument fakultattiv ikun attraenti għan-negozji;*

Or. en

Emenda 122

Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. Huwa mħasseb li l-konsumaturi rarament iħossu li għandhom għażla fir-rigward tat-termini tal-kuntratti u li jsibu ma' wiċċhom sitwazzjoni ta' "jekk hekk jew xejn"; jemmen b'saħħa li *strument fakultattiv attraenti, bil-ftuħ ta' opportunitajiet għan-negozju* u t-tiżiħ tal-kompetizzjoni, *fil-fatt iwessa' l-għażla ġenerali disponibbli għall-konsumaturi;*

Emenda

15. Huwa mħasseb li l-konsumaturi rarament iħossu li għandhom għażla fir-rigward tat-termini tal-kuntratti u li jsibu ma' wiċċhom sitwazzjoni ta' "jekk hekk jew xejn"; jemmen b'saħħa li *l-kombinazzjoni ta' "kaxxa tal-għodda" u sett ta' pattijiet u kundizzjonijiet standard iħeġġu lill-entranti l-għodda fis-swieq fl-Unjoni Ewropea, u b'hekk iwasslu t-tiżiħ tal-kompetizzjoni u jwessgħu l-għażla ġenerali disponibbli għall-konsumaturi;*

Emenda 123
Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. Huwa mħasseb li l-konsumaturi rarament iħossu li għandhom għażla fir-rigward tat-termini tal-kuntratti u li jsibu ma' wiċċhom sitwazzjoni ta' "jekk hekk jew xejn"; jemmen b'saħħa li strument fakultattiv *attraenti, bil-ftuħ ta' opportunitajiet għan-negozju u t-tisħiħ tal-kompetizzjoni, fil-fatt iwessa' l-għażla* ġenerali disponibbli għall-konsumaturi;

Emenda

15. Huwa mħasseb li l-konsumaturi rarament iħossu li għandhom għażla fir-rigward tat-termini tal-kuntratti u li jsibu ma' wiċċhom sitwazzjoni ta' "jekk hekk jew xejn"; jemmen b'saħħa li strument fakultattiv *ma jwessax l-għażla ġenerali disponibbli għall-konsumaturi, anzi fil-fatt tkun imposta aktar milli opzjoni possibbli f'ħafna każijiet fuq il-konsumaturi;*

Or. en

Emenda 124
Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

15a. Jinnota li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-objettiv tad-Dritt Kontrattwali Ewropew, l-importanza ta' ġurisdizzjoni Ewropea funzjonanti f'materji ċivili ma għandhiex tiġi injorata;

Emenda

Or. de

Emenda 125

Luigi Berlinguer, Antonio Masip Hidalgo, Evelyn Regner, Bernhard Rapkay, Catherine Stihler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

16. Jenfasizza l-importanza vitali li jkun hemm il-parteċipazzjoni ta' partijiet interessati minn madwar l-Unjoni u minn oqsma differenti tal-attività, inklużi professjonisti legali;

Emenda

16. Jenfasizza l-importanza vitali li jkun hemm il-parteċipazzjoni ta' partijiet interessati minn madwar l-Unjoni u minn oqsma differenti tal-attività, inklużi professjonisti legali ***u jfakkar lill-Kummissjoni tagħmel konsultazzjoni wiesa' u trasparenti mal-istakeholders kollha qabel ma tieħu deċiżjoni msejsa fuq ir-riżultati tal-Grupp tal-Esperti;***

Or. en

Emenda 126

Syed Kamall

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. Japprezza l-fatt li l-gruppi ta' esperti u tal-partijiet interessati t-tnejn ġejjin minn sfond ġeografiku u settorjali varjat; jemmen li l-kontribut tal-partijiet interessati se jsir dejjem aktar importanti ladarba tispiċċa l-fażi ta' konsultazzjoni u ladarba ***l***-proċedura leġiżlattiva kif inhi, li ***trid*** tkun inklużiva u trasparenti kemm jista' jkun, titnieda;

Emenda

17. Japprezza l-fatt li l-gruppi ta' esperti u tal-partijiet interessati t-tnejn ġejjin minn sfond ġeografiku u settorjali varjat; jemmen li l-kontribut tal-partijiet interessati se jsir dejjem aktar importanti ladarba ***jekk*** proċedura leġiżlattiva kif inhi, li ***tista'*** tkun inklużiva u trasparenti kemm jista' jkun, titnieda;

Or. en

Emenda 127
Jiří Maštálka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. Japprezza l-fatt li l-gruppi ta' esperti u tal-partijiet interessati t-tnejn ġejjin minn sfond ġeografiku u settorjali varjat; jemmen li l-kontribut tal-partijiet interessati se jsir dejjem aktar importanti ladarba tispiċċa l-fażi ta' konsultazzjoni u ladarba l-proċedura leġiżlattiva kif inhi, li **trid** tkun inklużiva u trasparenti kemm jista' jkun, titnieda;

Emenda

17. Japprezza l-fatt li l-gruppi ta' esperti u tal-partijiet interessati t-tnejn ġejjin minn sfond ġeografiku u settorjali varjat; jemmen li l-kontribut tal-partijiet interessati se jsir dejjem aktar importanti ladarba **jekk il**-proċedura leġiżlattiva kif inhi, li **tista'** tkun inklużiva u trasparenti kemm jista' jkun, titnieda;

Or. en

Emenda 128
Sajjad Karim

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Ifakkar, f'konformità mal-prinċipji tat-Tfassil aħjar tal-Liġijiet, il-ħtieġa ta' valutazzjoni komprensiva u wiesgħa tal-impatt, li tanalizza possibilitajiet differenti ta' politiki, fosthom dik li ma tittiħidx azzjoni mill-Unjoni, u li tiffoka fuq kwistjonijiet prattiċi;

Emenda

18. Ifakkar, f'konformità mal-prinċipji tat-Tfassil aħjar tal-Liġijiet, il-ħtieġa ta' valutazzjoni komprensiva u wiesgħa tal-impatt, li tanalizza possibilitajiet differenti ta' politiki, fosthom dik li ma tittiħidx azzjoni mill-Unjoni, u li tiffoka fuq kwistjonijiet prattiċi; **jinnota l-opinjoni ta' ħafna stakeholders li waqt li l-Kummissjoni jista' jkun li aġġixxiet skont l-ittra tal-inizjattiva għal Tfassil aħjar tal-Liġijiet, il-prinċipji u l-ispirtu wara l-programmi tat-Tfassil aħjar tal-Liġijiet u r-Regolamentazzjoni Intelliġenti ma humiex evidenti fl-approċċ l-aktar reċenti tal-Kummissjoni dwar din il-materja; jistenna li l-Kummissjoni Ewropea tippreżenta lill-Parlament Ewropew ir-riżultati tal-konsultazzjoni u l-valutazzjoni**

tal-impatt li jivvaluta b'mod komplet l-opzjonijiet kollha proposti mill-Green Paper;

Or. en

Emenda 129
Marielle Gallo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Ifakkar, f'konformità mal-prinċipji tat-Tfassil aħjar tal-Liġijiet, il-ħtieġa ta' valutazzjoni *komprensiva u wiesgħa* tal-impatt, li tanalizza *possibilitajiet differenti ta' politiki*, fosthom dik li *ma tittiħidx azzjoni mill-Unjoni, u li tiffoka fuq kwistjonijiet prattiċi*;

Emenda

18. Ifakkar, f'konformità mal-prinċipji tat-Tfassil aħjar tal-Liġijiet, il-ħtieġa ta' valutazzjoni atl-impatt *dwar l-osktali li l-konsumaturi u l-impriżi huwa preżunt li jiltaqgħu magħhom*, li tanalizza *s-soluzzjonijiet possibbli kollha*, fosthom dik li *ma tgħaddix leġiżlazzjoni, ma jiġix ivvalutat il-proporzjon bejn il-kost u l-benefiċċji għal kull waħda minn dawn is-soluzzjonijiet, ma jiġux eżaminati l-konsegwenzi potenzjali għall-SMEs u ma jiġux indikati speċifikament ir-riperkussjonijiet ta' kull waħda minn dawk is-soluzzjonijiet fuq l-acquis tal-Komunità*;

Or. fr

Emenda 130
Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Ifakkar, f'konformità mal-prinċipji tat-Tfassil aħjar tal-Liġijiet, il-ħtieġa ta' valutazzjoni komprensiva u wiesgħa tal-impatt, li tanalizza possibilitajiet differenti

Emenda

18. Ifakkar, f'konformità mal-prinċipji tat-Tfassil aħjar tal-Liġijiet, il-ħtieġa ta' valutazzjoni komprensiva u wiesgħa tal-impatt, li tanalizza possibilitajiet differenti

ta' politiki, fosthom dik li ma tittiħidx
azzjoni mill-Unjoni, u li tiffoka fuq
kwistjonijiet prattiċi;

ta' politiki, fosthom dik li ma tittiħidx
azzjoni mill-Unjoni, u li tiffoka fuq *iż-żewġ*
kwistjonijiet prattiċi *li huma, u l-impatti*
relattivi tal-opzjonijiet fuq l-ordinamenti
ġuridiċi nazzjonali;

Or. en

Emenda 131
Diana Wallis, Klaus-Heiner Lehne

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*18a. Jinsisti li l-Parlament għandu jkun
ikkonsultat bis-sħiħ u jkun involut fil-
qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja
f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull
strument fakultattiv futur li għandu jiġi
ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea;*

Or. en